IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2021
COM(2021) 705 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tad-DIRETTIVA 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tad-DIRETTIVA 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni)

Werrej

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV 2

2. INTRODUZZJONI 2

3. APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA 3

3.1. Traspożizzjoni fil-liġijiet nazzjonali 3

3.2. Definizzjoni ta' "oġġetti kulturali" – Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae (l-Artikolu 2) 3

a) Valutazzjoni tal-kategoriji ddefiniti bħala teżori nazzjonali fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali 3

b) Valutazzjoni ta' dak li jikkwalifika bħala "tneħħija illegali" ta' oġġetti kulturali mit-territorju ta' Stat Membru 5

3.3. Definizzjoni ta' "oġġetti kulturali" – Kamp ta' applikazzjoni ratione temporis (l-Artikoli 14 u 15) 6

3.4. Kura u attenzjoni meħtieġa – Kamp ta' applikazzjoni ratione personae (l-Artikolu 10 u l-Artikolu 13) 7

3.5. L-applikazzjoni tal-proċedura amministrattiva għar-ritorn ta' oġġetti kulturali 8

a) Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru 8

b) Il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri – L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għall-fini ta' kooperazzjoni amministrattiva (l-Artikolu 5) 9

3.6. Assistenza legali reċiproka u kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-kostijiet tal-proċedimenti ġudizzjarji ta' ritorn (l-Artikolu 6) 10

4. KONKLUŻJONIJIET 11

5. ANNESS 12

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport (minn hawn 'il quddiem: "ir-rapport") jirrieżamina l-applikazzjoni u l-effettività tad-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru[1], kif previst fl-Artikolu 17(2). Dan huwa l-ewwel rapport mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva u jsegwi l-erba' rapporti ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni ta' dik li qabel kienet id-Direttiva 93/7/KEE (riformulata bid-Direttiva 2014/60/UE), l-aħħar wieħed ikopri l-perjodu mill-2008 sal-2011[2].

Ir-rapport ikopri l-perjodu mill-2015 sal-2020. Dan huwa bbażat fuq *data* pprovduta mill-Istati Membri bi tweġiba għal kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni Ewropea[3]. Dan il-kwestjonarju jkopri diversi aspetti tal-applikazzjoni u l-effiċjenza tal-kooperazzjoni amministrattiva u ġudizzjarja fl-Istati Membri fir-rigward ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment. Ir-rapport jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI")[4] għall-finijiet tad-Direttiva.

B'mod ġenerali, it-tweġibiet tal-Istati Membri wrew l-impatt pożittiv tad-Direttiva fuq iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-protezzjoni tal-oġġetti kulturali[5] fl-UE u l-iżvilupp tal-kummerċ tal-arti. Madankollu, it-tweġibiet tal-Istati Membri wrew ukoll li l-implimentazzjoni tad-Direttiva toffri xi kamp ta' applikazzjoni għal aktar titjib, bħat-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva u ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-promozzjoni ta' fehim komuni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

2. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2014/60/UE (minn hawn 'il quddiem: "id-Direttiva") li kellha tiġi trasposta sat-18 ta' Diċembru 2015 tfittex li tirrikonċilja l-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-oġġetti kulturali mal-objettiv tal-protezzjoni tat-teżori nazzjonali fis-suq uniku.

Flimkien mar-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali[6] u r-Regolament (UE) 2019/880 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali[7], id-Direttiva 93/7/KEE (riformulata bid-Direttiva 2014/60/UE) stabbiliet il-qafas tal-UE għall-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu ta'

[1] ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1.

[2] Ir-raba' Rapport: COM/2013/0310 final; It-tielet Rapport: COM/2009/0408 final; It-tieni Rapport: COM/2005/0675 final; L-ewwel Rapport: COM(2000)325 final.

[3] Il-kwestjonarju li tnieda fil-qafas tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva.

[4] Iċ-ċifri rrapportati fl-Anness huma estratti mis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI). Paġna Ewlenija - IMI-Net - Is-Suq Uniku tal-UE - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

[5] Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, it-termini "ben kulturali" u "oġġett kulturali" jitqiesu bħala sinonimi u interkambjabbli. Sabiex it-tifsira ta' dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva 2014/60/UE tingħata b'mod ċar, ir-rapport se jkun qiegħed jirreferi esklużivament għal "oġġett kulturali", filwaqt li juża ż-żewġ termini bħala b'piż ekwivalenti għall-bqija tal-iżviluppi.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali, ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1

[7] Ir-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1.

oġġetti kulturali fl-Unjoni Ewropea, billi pprovdiet mekkaniżmi u proċedura għar-restawr tat-teżori nazzjonali meta dawn ikunu tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru. Filwaqt li l-għan tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 huwa li jiġi evitat li t-teżori nazzjonali jinħarġu mit-territorju tal-UE mingħajr kontrolli, id-Direttiva, min-naħa tagħha, introduċiet mekkaniżmi għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali u proċedimenti quddiem il-qrati nazzjonali għar-ritorn ta' oġġetti kulturali meħuda illegalment mit-territorju ta' Stat Membru. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2019/880 għandu l-għan li jipprojbixxi u jipprevjeni l-importazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' beni kulturali esportati illegalment minn pajjiżi terzi, fejn dawn ikunu nħolqu jew ġew skoperti u jistabbilixxi proċeduri għall-importazzjoni legali ta' beni kulturali fl-Unjoni.

Skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri huma meħtieġa jressqu quddiem il-Kummissjoni r-rapporti tagħhom dwar l-applikazzjoni tagħha. Biex tiffaċilita dan ir-rapportar, f'April 2020, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju miftiehem mal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali[8]. It-tweġibiet minn 21 Stat Membru, 2 Stati Membri tal-EFTA[9] u mir-Renju Unit waslu bejn is-27 ta' Awwissu 2020 u d-29 ta' Jannar 2021, li aktar tard ġew diskussi mill-Grupp ta' Esperti. Ir-rapporti nazzjonali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva, kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) u pprovduti permezz tat-tweġibiet imsemmija hawn fuq, irrappreżentaw il-bażi għall-ewwel rapport li jirrieżamina l-applikazzjoni u l-effettività tad-Direttiva 2014/60/UE, li l-Kummissjoni trid tipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, kull ħames snin, f'konformità mal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva.

3. APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA

3.1. Traspożizzjoni fil-liġijiet nazzjonali

Id-Direttiva hija riformulazzjoni ta' dawk li qabel kienu d-Direttivi 93/7/KEE, 96/100/KE u 2001/38/KE dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali. Din tiddikjara li, sat-18 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu adottaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet il-ġodda tagħha, jiġifieri mal-punt (1) tal-Artikolu 2, il-punt (3) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1), l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 10 u l-Artikolu 17(1) ta' din id-Direttiva.

Il-miżuri ta' traspożizzjoni ġew ikkomunikati mill-Istati Membri kollha dwar dawn id-dispożizzjonijiet.

3.2. Definizzjoni ta' "oġġetti kulturali" – Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae (l-Artikolu 2)

a) Valutazzjoni tal-kategoriji ddefiniti bħala teżori nazzjonali fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali

Bir-riformulazzjoni, id-Direttiva tkopri l-oġġetti kulturali, jiġifieri "oġġett li jkun klassifikat jew definit

[8] Ir-Reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn (europa.eu), il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali (E03204).

[9] Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

minn Stat Membru, qabel jew wara t-tneħħija illegali tiegħu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru, bħala parti mit-"teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku" fil-kuntest tal-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-proċeduri amministrattivi skont it-tifsira tal-Artikolu 36 TFUE" (il-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva). Skont il-Premessa 9 tad-Direttiva, għalhekk din jenħtieġ li tkopri oġġetti ta' interess storiku, paleontoloġiku, etnografiku u numiżmatiku jew ta' valur xjentifiku, irrilevanti minn jekk jagħmlux parti minn kollezzjoni pubblika jew kollezzjonijiet oħrajn jew jekk humiex oġġetti singoli, u irrilevanti minn jekk humiex ġejjin minn skavar regolari jew klandestin, dment li dawn jiġu kklassifikati jew iddefiniti bħala teżori nazzjonali.

Skont il-maġġoranza tat-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju, id-definizzjoni fil-livell tal-UE tat-terminu "oġġett kulturali" hija titjib sinifikanti u tilħaq l-objettiv li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-oġġetti kulturali bħala kategorija speċifika ta' beni. Madankollu, jenħtieġ li jittejjeb il-fehim reċiproku tad-definizzjonijiet nazzjonali, sabiex l-Istati Membri kollha jirrikonoxxu u jipproteġu l-oġġetti kulturali protetti ta' xulxin.

Għalkemm id-definizzjoni ta' "oġġetti kulturali", kif stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva, titqies bħala sodisfaċenti mill-maġġoranza tal-Istati Membri li wieġbu, għad hemm xi sfidi meta wieħed jiġi biex jiddetermina l-pajjiż ta' oriġini għal oġġetti arkeoloġiċi misruqa b'mod illeċitu u mneħħija mis-siti tagħhom. Filwaqt li l-oġġetti kulturali uniċi jistgħu jkunu faċli biex jiġu identifikati fir-rigward tal-provenjenza tagħhom u tal-Istat Membru oriġinarju, oġġetti kulturali oħrajn li jappartjenu, pereżempju, għal ċivilizzazzjonijiet li ffjorixxew fuq żona ġeografika wiesgħa[10] jew oġġetti kulturali serjali (bħal muniti jew ġojjellerija li tista' tiżżarma) ma humiex daqshekk faċli biex jiġu identifikati. Tabilħaqq, dawn l-oġġetti ma humiex elenkati bħala nieqsa jew misruqa mill-kollezzjonijiet u huwa pjuttost diffiċli li tiġi stabbilita l-provenjenza tagħhom minħabba li dawn qatt ma ġew irreġistrati fil-katalogi tal-mużewijiet jew huma ddikjarati li jappartjenu f'kollezzjonijiet privati li qatt ma tniżżlu f'inventarju.

10 Stati Membri enfasizzaw li d-Direttiva jenħtieġ li tkopri wkoll oġġetti kulturali li jkunu ġew esportati illegalment minn Stat Membru, mingħajr il-ħtieġa ta' status speċifiku tal-oġġett kulturali bħala "teżor nazzjonali", peress li xi qrati nazzjonali għandhom it-tendenza li jagħtu interpretazzjoni restrittiva tal-kategorija ta' oġġetti kulturali li jistgħu jintalbu għar-ritorn abbażi tad-Direttiva.

5 Stati Membri ma qajmux il-ħtieġa ta' definizzjoni komuni ta' termini bħal "oġġetti kulturali" mingħajr referenza għal-liġi nazzjonali, "antikitajiet", "oġġetti arkeoloġiċi" fil-livell Ewropew.

3 tweġibiet indikaw li huwa preferibbli li ssir referenza għad-definizzjoni armonizzata ta' oġġetti kulturali mir-Regolament (KE) 116/2009 u mir-Regolament (UE) 2019/880, sabiex jiġi evitat li wieħed jiltaqa' ma' differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar kunċetti bħal "antikitajiet" u "oġġetti arkeoloġiċi".

Osservazzjoni ġenerali, idderivata mit-tweġibiet tal-Istati Membri, hija li d-Direttiva tista' tiġi applikata faċilment għal oġġetti kulturali ta' valur kummerċjali tipikament għoli u għal oġġetti kulturali li huma xogħlijiet tal-arti u li huma rreġistrati fil-kollezzjonijiet tal-mużewijiet jew bħala parti minn kollezzjonijiet oħrajn. Ikunu meħtieġa aktar sforzi biex jiġu protetti t-"teżori nazzjonali" ta' valur kummerċjali aktar baxx, jiġifieri l-artifatti arkeoloġiċi, minħabba l-valur uniku tagħhom għall-istorja kulturali.

[10] Pereżempju, il-Babiloniżi, l-Eġizzjani, il-Greko-Rumani, l-Għarab, il-Biżantini, l-Ottomani.

b) *Valutazzjoni ta' dak li jikkwalifika bħala "tneħħija illegali" ta' oġġetti kulturali mit-territorju ta' Stat Membru*

L-obbligu ta' ritorn, minqux fid-Direttiva, japplika biss għal oġġetti kulturali li jkunu tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru. Skont il-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva, imneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru tfisser: "(a) imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru bi ksur tar-regoli tiegħu fir-rigward tal-protezzjoni ta' teżori nazzjonali jew bi ksur tar-Regolament (KE) Nru 116/2009; jew (b) mhux irritornat meta jagħlaq perjodu ta' tneħħija temporanja legali jew kwalunkwe ksur ta' kondizzjoni oħra li tirregola tali tneħħija temporanja". Madankollu, kważi t-tweġibiet kollha kkonfermaw li l-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jiffaċċjaw diffikultajiet f'termini ta' riċerka u adozzjoni meta jiġu biex jivverifikaw il-protezzjoni tat-teżori nazzjonali stabbiliti fil-leġiżlazzjonijiet ta' Stati Membri oħrajn.

Minħabba dawn id-diffikultajiet, l-oġġetti kulturali li jkunu tneħħew illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (skont it-tifsira tad-Direttiva) jistgħu jitqiesu bħala nnegozjati legalment fi Stat Membru ieħor jekk ma jiġi impost l-ebda rekwiżit dwar il-provenjenza[11] mil-liġi nazzjonali għal dan il-fini. Dawn id-diffikultajiet ma humiex indirizzati mill-Artikolu 10 tad-Direttiva fil-formulazzjoni attwali tagħha, minħabba li din tirreferi biss għall-"provenjenza" meta tiddefinixxi d-dritt tal-pussessur għal kumpens. Hekk kif il-kummerċ online qed jikber, hemm ukoll inċertezza dejjem akbar rigward il-provenjenza leċita tal-beni kulturali fis-suq uniku, li hija ostaklu għat-tkabbir sostenibbli tas-suq tal-arti fl-UE.

Barra minn hekk, l-ebda wieħed mir-rapporti mibgħuta mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva ma jiċħad il-ħtieġa li jiġi stabbilit obbligu ta' diliġenza dovuta għan-negozjanti tal-arti fil-livell tal-UE. Mill-inqas 8 Stati Membri diġà adottaw dispożizzjonijiet legali speċifiċi dwar id-dmir ta' diliġenza għan-negozjanti fl-arti u fl-antikitajiet u rekwiżiti obbligatorji ta' diliġenza dovuta għat-tqegħid fis-suq ta' beni kulturali. 4 Stati Membri jqisu li l-istandards obbligatorji ta' diliġenza dovuta tal-UE għan-negozjanti tal-arti javvanzaw l-isforzi biex tissaħħaħ it-trasparenza u jittejbu l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-arti, dment li dawn l-istandards ikunu bbażati fuq l-ogħla rekwiżiti eżistenti, sabiex ma jitnaqqasx il-livell li diġà nkiseb fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. 13 il-Stat Membru enfasizzaw ukoll li l-fulkru biex tissaħħaħ id-diliġenza dovuta għall-professjonisti fis-suq tal-arti b'Kodiċi tal-Etika tal-UE huwa l-ħtieġa li tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi u li jiġu pprovduti sanzjonijiet speċifiċi f'każ ta' ksur.

Filwaqt li jqis dawn l-aspetti, studju tal-Kummissjoni Ewropea, ippubblikat fl-2019, dwar il-kummerċ illeċitu ta' beni kulturali fl-Ewropa[12] jinkludi analiżi dettaljata u rakkomandazzjonijiet biex tissaħħaħ ir-riċerka dwar il-provenjenza u d-diliġenza dovuta għan-negozjanti tal-arti u biex jiġi promoss kummerċ legali, responsabbli u etiku ta' beni kulturali bħala kategorija speċifika ta' beni[13]. Meta ġie ppreżentat f'Ottubru 2019 lill-Membri tal-Grupp ta' Esperti tad-Direttiva, l-istudju kien perċepit b'mod pożittiv mid-Delegati tal-Istati Membri.

---

[11] Hawnhekk issir distinzjoni bejn il-"provenjenza" u l-"post ta' oriġini". Il-"post ta' oriġini" jindika l-post minn fejn ikun ġie l-oġġett. Il-provenjenza hija ammessa bħala l-kronoloġija tas-sjieda, tal-kustodja jew tal-post ta' ben kulturali. Tista' tkun ukoll, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE, informazzjoni dwar aspetti formali li jistgħu jkunu utli għall-identifikazzjoni ta' oġġett: anteċedenti storiċi, sidien/detenturi preċedenti, biblijografija.

[12] Illicit trade of cultural goods in Europe, rapport finali, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura.

[13] L-Istudju jelabora wkoll fuq fehim komuni ta' provenjenza aċċettabbli biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki fl-investigazzjoni tal-provenjenza tal-ben innegozjat u biex tittejjeb it-trasparenza tal-kummerċ tal-arti fl-UE billi jiġi stabbilit obbligu ta' diliġenza dovuta għall-professjonisti bħala kundizzjoni għall-eżerċitar tal-professjoni.

3.3. Definizzjoni ta' "oġġetti kulturali" – Kamp ta' applikazzjoni ratione temporis (l-Artikoli 14 u 15)

Id-Direttiva tapplika biss għal oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru fl-1 ta' Jannar 1993 jew wara (l-Artikolu 14).

L-Artikolu 15(2) iħalli l-possibbiltà miftuħa għall-Istati Membri biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għal talbiet relatati ma' oġġetti kulturali mneħħija illegalment qabel dik id-data mingħajr ma jistabbilixxi ksur tal-prinċipju ġenerali taċ-ċertezza legali. Sal-lum, 3 Stati Membri biss inkludew fil-leġiżlazzjoni tagħhom l-estensjoni tal-ambitu taż-żmien, 2 minnhom mingħajr ebda limitazzjoni temporali soġġetta għar-regoli proċedurali nazzjonali u wieħed b'limitu ta' żmien tal-1 ta' Jannar 1960. Każ speċifiku japplika għal Stat Membru, li reġġa' s-sovranità tiegħu fl-1990 filwaqt li qies li jestendi l-obbligu ta' ritorn lil hinn mill-ambitu taż-żmien tad-Direttiva f'każijiet speċifiċi iżda mingħajr obbligu qabel l-eżistenza tal-Istat.

Barra minn hekk, Stat Membru wieħed huwa favur regola ġenerali fil-livell tal-UE li titħassar ir-referenza għall-1993 bħala d-data limitu, speċjalment fir-rigward ta' oġġetti arkeoloġiċi skavati illegalment li ġew esportati illegalment[14].

Għad-19-il tweġiba li jifdal, l-Istati Membri indikaw li ma humiex qed jippjanaw estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni taż-żmien, filwaqt li enfasizzaw li, fin-nuqqas ta' klawżola ta' reċiproċità, l-estensjoni unilaterali minn Stat Membru tal-ambitu materjali u temporali tad-Direttiva għall-benefiċċju uniku tal-Istati Membri l-oħrajn ma tkunx rotta rilevanti. L-aktar l-aktar, jistgħu jitqiesu l-eċċezzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll l-Konvenzjonijiet internazzjonali[15] li jipprovdu qafas adegwat. Il-projbizzjoni kostituzzjonali tar-retroattività tidher li hija l-ostaklu ewlieni għal estensjoni ġenerali tal-ambitu taż-żmien tal-obbligu ta' ritorn.

Għadd ta' Stati Membri kkonfermaw l-isforzi tagħhom biex isibu soluzzjoni bi qbil b'mod reċiproku fil-każijiet individwali kollha fejn tingħata prova ta' tneħħija illegali anke qabel id-data limitu.

L-ostaklu ewlieni li jiltaqgħu miegħu l-Istati Membri fl-ambitu taż-żmien tad-Direttiva huwa l-oneru tal-prova taż-żmien tat-trasferiment. Fil-formulazzjoni attwali, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-Istat Membru rikjedenti. Huwa preċiżament f'każijiet ta' skavar jew ta' serq li t-talba għal restituzzjoni spiss tiġi mxekkla mill-fatt li l-Istat rikjedenti ma jkunx jista' jipprovdi evidenza dwar iż-żmien tal-iskavar u tal-esportazzjoni mit-territorju tiegħu. Fil-maġġoranza tat-tweġibiet, l-istandards proċedurali uniformi jtiqiesu bħala l-mod rilevanti biex jingħelbu d-diffikultajiet attwali relatati mal-oneru tal-prova u biex tiġi pprovduta protezzjoni ugwali għall-oġġetti kulturali fl-Istati Membri kollha.

[14] Dan l-Istat Membru qajjem l-impossibbiltà li tinġieb evidenza li l-esportazzjoni illegali seħħet wara l-1993 peress li l-oġġetti ġew skavati illegalment.

[15] Bħall-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1954 għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat

3.4. Kura u attenzjoni meħtieġa – Kamp ta' applikazzjoni ratione personae (l-Artikolu 10 u l-Artikolu 13)

Id-Direttiva tiddikjara fl-Artikolu 13 li s-sjieda ta' oġġett ritornat għandha tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru rikjedenti.

Il-mekkaniżmi previsti fid-Direttiva jistgħu jiġu applikati biss mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru rikjedenti. F'konformità mal-Artikolu 345 tat-TFUE[16], id-Direttiva ma tittrattax ir-reġim tas-sjieda fl-Istati Membri. Din hija konsegwenza diretta li s-sidien privati ta' teżor nazzjonali mneħħi illegalment mit-territorju ta' Stat Membru ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet offruti mid-Direttiva, jiġifieri l-proċedimenti biex jiżguraw ir-ritorn tiegħu.

Madankollu, id-Direttiva ma teskludix proċedimenti ċivili jew kriminali li jistgħu jitressqu mis-sid ta' oġġett misruq skont il-liġi nazzjonali. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva huma kkumplimentati mill-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012[17] (ir-Regolament ta' Brussell), li jistabbilixxi regola ġuriżdizzjonali li l-qrati għall-post fejn jinsab l-oġġett kulturali għandhom ġuriżdizzjoni għal talbiet ċivili għall-irkupru, abbażi tas-sjieda, ta' oġġett kulturali skont it-tifsira tad-Direttiva.

Barra minn hekk, bl-objettiv ewlieni tad-Direttiva li huwa r-ritorn fiżiku tal-oġġett kulturali mneħħi illegalment[18], fl-Artikolu 10 hija stabbilita regola uniformi dwar l-oneru tal-prova għall-kura u l-attenzjoni meħtieġa bil-għan li jiġi evitat il-"forum shopping" mit-traffikanti u li r-ritorn isir inqas għali għall-Istat Membru rikjedenti. B'din ir-regola l-ġdida, pussessur li ma jkunx jista' jagħti prova li huwa jkun eżerċita kura u attenzjoni meħtieġa mhux se jingħata kumpens meta l-oġġett jiġi rritornat. Il-kriterji mhux eżawrjenti għad-determinazzjoni tal-kura u l-attenzjoni meħtieġa kienu ispirati mill-Konvenzjoni UNIDROIT[19] u diġà kienu inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kollha matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva.

12-il Stat Membru indikaw li kien għad ma kienx hemm każijiet imressqa quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom u, għalhekk, l-ebda okkażjoni biex tingħata interpretazzjoni tal-kunċett ta' kura meħtieġa. Barra minn hekk, 3 Stati Membri indikaw b'mod ċar id-diverġenzi fl-interpretazzjoni peress li ċ-ċirkostanzi tal-akkwist jipprovdu lok għal interpretazzjoni, u dan se jkun differenti f'kull Stat Membru, skont it-tip ta' oġġetti kulturali, il-possibbiltajiet għar-riċerka u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti.

F'dan l-istadju, ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett fl-Istati Membri u dan għad irid jiġi vvalutat aktar skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva.

---

[16] L-Artikolu 345 tat-TFUE jiddikjara: "*It-Trattati għandhom ikunu bla ebda preġudizzju għas-sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri*."

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

[18] Il-punt 5 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva jiddefinixxi r-ritorn bħala *"ir-ritorn fiżiku tal-oġġett ta' kultura għat-territorju tal-Istat Membru li jagħmel it-talba"*.

[19] Il-Konvenzjoni UNIDROIT dwar oġġetti kulturali misruqa jew esportati illegalment, 24 ta' Ġunju 1995.

3.5. L-applikazzjoni tal-proċedura amministrattiva għar-ritorn ta' oġġetti kulturali

a) Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru

Fil-livell nazzjonali, jiġu involuti korpi differenti fl-identifikazzjoni tal-oġġetti kulturali, fir-riċerki tal-arkivji, fl-istabbiliment ta' kuntatti, fl-applikazzjonijiet għall-qbid tal-oġġett kulturali u/jew fil-medjazzjoni. 20 Stat Membru rrapportaw li l-kooperazzjoni fost dawn il-korpi jew l-awtoritajiet taħdem mingħajr xkiel u jsir skambju regolari ta' informazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tat-tweġibiet tal-Istati Membri enfasizzaw l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija u l-Ministeri tal-Intern fil-livell nazzjonali u internazzjonali. Dan huwa partikolarment rilevanti biex tiġi stabbilita stampa komprensiva tat-traffikar illeċitu ta' beni kulturali fis-suq uniku. L-importanza ta' *data* komparattiva relatata mal-proprjetà kulturali fir-rigward tan-networks soċjali[20] u l-kriminalità organizzata, inkluż l-indirizzar tal-fenomenu permezz tad-darknet[21], ġiet enfasizzata fit-tweġibiet kollha.

Diversi Stati Membri saħqu li t-tisħiħ reċenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kontrolli doganali għall-beni kulturali[22] qed irawwem il-kooperazzjoni bejn id-dwana u l-Ministeri tal-Kultura b'mod sinifikanti. Dan jista' jkollu wkoll implikazzjonijiet pożittivi għall-applikazzjoni tad-Direttiva.

Barra minn hekk, jitwettqu operazzjonijiet konġunti ta' komunikazzjoni b'rabta mar-ritorn ta' oġġetti kulturali lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, b'mod partikolari fil-kuntest ta' proċeduri li jirriżultaw minn sekwestri doganali bil-kooperazzjoni tal-pulizija, tal-awtoritajiet kulturali u tad-dipartiment tal-affarijiet barranin.

Dan huwa element pożittiv għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tad-Direttiva u tal-prijoritajiet strateġiċi fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja.

F'Lulju 2020, il-Kummissjoni adottat l-"Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà għall-perjodu mill-2020 sal-2025"[23] li tiddeskrivi t-triq 'il quddiem għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata inkluż il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' beni kulturali[24]. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tesplora kif ittejjeb it-traċċabbiltà online u offline tal-beni kulturali.

L-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata[25], adottata fl-14 ta' April 2021, tistabbilixxi li l-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet fost l-esperti tal-wirt kulturali u l-kooperazzjoni strutturata tagħhom mal-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se teżamina azzjonijiet meħtieġa oħrajn biex tindirizza dan il-fenomenu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tipproponi Pjan ta' Azzjoni dwar l-indirizzar tal-kummerċ illeċitu ta' beni kulturali fl-2022.

---

20 In-networking soċjali dwar il-beni kulturali spiss juża siti web u applikazzjonijiet ibbażati fuq il-web bħal Facebook, MySpace, Twitter u LinkedIn.

21 Id-darknet huwa l-parti tal-internet li n-nies ma jistgħux jaċċessawha permezz ta' magni tat-tiftix clearnet. Huwa l-internet anonimu, fejn in-nies iżommu l-privatezza filwaqt li jixtru oġġetti li l-kanali normali ma jistgħux jipprovdu. Hija meħtieġa l-kriptovaluta biex jiġu ordnati l-beni, inklużi l-oġġetti kulturali, fuq id-darknet.

22 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali, ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1 u r-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturalis, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1.

23 L-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà (europa.eu)

24 COM(2020) 605

25 COM(2021) 170 final

b) Il-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri – L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) għall-fini ta' kooperazzjoni amministrattiva (l-Artikolu 5)

Id-Direttiva tintroduċi arranġamenti għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri[26]. Din il-kooperazzjoni tinvolvi, b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-post fejn jinsabu l-oġġetti kulturali fuq talba tal-Istat rikjedenti, in-notifika tal-iskoperta ta' oġġetti kulturali fit-territorju ta' Stat Membru, il-verifika mill-Istat Membru rikjedenti tan-natura tal-oġġett kulturali fit-territorju tal-Istat Membru rikjest, l-adozzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa għall-konservazzjoni materjali tal-oġġett kulturali u l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji biex jiġi evitat milli l-oġġett kulturali jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn.

Il-kooperazzjoni prevista fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva tista' tinkludi l-medjazzjoni diplomatika u l-faċilitazzjoni u l-promozzjoni ta' ftehim bonarju u tista' twassal ukoll għal: (i) medjazzjoni/koordinazzjoni amministrattiva mhux obbligatorja ta' qabel il-litigazzjoni bil-għan li tintlaħaq riżoluzzjoni bonarja, (ii) il-faċilitazzjoni ta' metodu alternattiv ta' soluzzjoni tat-tilwim u (iii) il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proċedura ta' arbitraġġ. Anke jekk l-użu mill-partijiet interessati tal-kooperazzjoni msemmija mill-awtoritajiet kompetenti, imsemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva, qabel ma jinbdew proċedimenti tal-qorti ma jkunx obbligatorju fl-Istati Membri kollha, din il-kooperazzjoni titqies bħala l-mod privileġġat ta' ħidma flimkien.

Fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fil-livell tal-UE xorta tista' tittejjeb, b'mod partikolari meta l-informazzjoni eżistenti jkollha tiġi kondiviża u pproċessata b'mod xieraq. Il-Kummissjoni stabbiliet modulu speċifiku tal-IMI li ilu jopera mill-2016 bil-ħsieb li tiġi skambjata informazzjoni dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Dan huwa għodda ta' ħidma tal-IT għall-awtoritajiet ċentrali fl-Istati Membri li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

Sal-lum, huma rreġistrati 164 awtorità li għandhom ukoll aċċess għall-IMI[27], inkluż il-koordinaturi nazzjonali tal-IMI. Xi awtoritajiet fl-Istati Membri jiġu stabbiliti biss għal skambji bilaterali ta' informazzjoni (jiġifieri meta awtorità tkun konxja mill-preżenza ta' oġġett kulturali fi Stat Membru partikolari u tfittex l-oġġett minn pajjiż identifikat b'mod ċar filwaqt li tassumi b'mod raġonevoli li l-oġġett li jkun tneħħa illegalment jista' jinstab hemmhekk u filwaqt li titlob konferma dwar il-post tiegħu sabiex tirkupra l-oġġett).

L-IMI titqies bħala tentattiv potenzjalment tajjeb biex tiġi rreġistrata informazzjoni dwar oġġetti mneħħija illegalment b'mod uniformi fl-UE u biex l-awtoritajiet nazzjonali fl-UE jkunu infurmati. L-awtoritajiet nazzjonali kkonfermaw li l-IMI tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri billi tistabbilixxi kuntatt inizjali u li hija għodda ewlenija għat-titjib tal-ipproċessar tal-informazzjoni, tipprovdi gwida, tiddiskuti kwistjonijiet u tidentifika problemi rigward l-iskambju ta' notifiki u informazzjoni permezz tal-IMI.

Mid-*data* dwar l-użu tal-IMI (kif ippreżentata fl-Anness), jista' jiġi preżunt li l-iskambji fost l-Istati Membri dwar l-oġġetti kulturali li tneħħew illegalment kienu limitati.

[26] Il-lista ta' dawn l-awtoritajiet hija ppubblikata fil-ĠU C 134, 28.4.2017, p. 4.
[27] Aktar ċifri min-notifiki u l-iskambji tal-Istati Membri dwar l-oġġetti kulturali jinsabu fl-Anness.

Matul il-perjodu 2016-2020, kien hemm 304 notifiki għal dan il-għan b'numru baxx fl-2018 u fl-2020 (inqas minn 5) kif ukoll b'livell differenti ta' attività mill-Istati Membri. L-aktar kategoriji affettwati ta' oġġetti kulturali minn din il-forma ta' notifiki tal-IMI kienu: "Stampi, pitturi u ikoni" (partikolarment l-ikoni b'116-il notifika minn 178), segwiti minn "Oġġetti arkeoloġiċi" b'55 notifika. In-notifiki dwar kategoriji oħrajn ta' oġġetti kulturali bħal bastimenti, akkwarelli, figurini, muniti u kotba kienu bħala medja inqas minn 10 għall-istess perjodu.

Għall-istess perjodu, fl-IMI ġew irreġistrati wkoll 65 talba għat-tfittxija ta' oġġett kulturali mneħħi illegalment u l-identità tal-pussessur jew tad-detentur tal-oġġett. L-evoluzzjoni annwali turi tnaqqis kostanti ta' din il-forma ta' notifiki bejn l-2016 u l-2018, minn 14-il każ għal inqas minn 5 b'żieda fl-2019 u fl-2020 (waslu 19 u 20 notifika rispettivament). Għall-istess forma ta' notifiki, l-aktar kategoriji affettwati kienu: "Skulturi jew statwi oriġinali u kopji prodotti bl-istess proċess bħall-oriġinal" u "Stampi, pitturi, ikoni eżegwiti kompletament bl-idejn".

L-għadd ta' notifiki dwar is-sejba ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment naqas drastikament bejn l-2017 (19-il notifika) u l-2019 (3 notifiki) u żdied drastikament fl-2020 (15-il notifika). L-għadd kbir ta' notifiki għal din il-forma jikkonċerna l-"oġġetti ta' interess numiżmatiku" (12-il notifika), segwiti mill-"muniti" (8 notifiki), l-ikoni (5 notifiki) u l-iskulturi (5 notifiki).

Mill-2016, ġew irreġistrati biss 5 notifiki fl-IMI bl-iskop li jinbdew il-proċedimenti ta' ritorn.

Osservazzjoni ġenerali li waslet minn 19-il Stat Membru hija li jista' jitqies aktar titjib tal-IMI sabiex l-għodda ssir aktar faċli għall-utent. Jidher li hemm xi kwistjonijiet terminoloġiċi kif ukoll kwistjonijiet dwar ċerti verżjonijiet lingwistiċi li jirrikjedu aġġustamenti żgħar. Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni qed tħejji Gwida għall-Utenti dedikata.

L-Istati Membri rrapportaw ukoll kwistjonijiet li jikkonċernaw restrizzjonijiet ta' żmien fl-għeluq tan-notifiki f'każijiet fejn l-investigazzjonijiet ikunu għadhom għaddejjin. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri enfasizzaw li kien importanti li s-sistema tiġi mmonitorjata u użata b'mod attiv mill-awtoritajiet konnessi kollha. Barra minn hekk, it-talbiet aktar immirati jitqiegħdu fl-IMI, aktar ma jkun kbir il-prospett ta' tweġiba utli. Dan se jgħin ukoll biex titnaqqas il-kwantità kbira ta' messaġġi li jiġu ġġenerati awtomatikament mis-sistema.

Barra minn hekk, meta oġġett kulturali jkun tneħħa illegalment u fil-fatt ikun instab, l-Istati Membri jfittxu li jirkuprawh permezz ta' diversi azzjonijiet u, l-ewwel nett, bi proċedimenti ġudizzjarji, aktar milli b'talba tal-IMI. Madankollu, il-valur miżjud tal-IMI ma jiġix ikkontestat, peress li l-iskambji uffiċjali permezz tas-sistema tal-IMI jiġu ttrattati fi proċedimenti tal-qorti bħala evidenza formali.

3.6. Assistenza legali reċiproka u kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-kostijiet tal-proċedimenti ġudizzjarji ta' ritorn (l-Artikolu 6)

L-Artikolu 6 tad-Direttiva jipprevedi l-bidu ta' proċedimenti ta' ritorn u l-kundizzjonijiet għal din l-azzjoni legali. Dawn il-proċedimenti ta' ritorn jitressqu mill-Istat Membru li minnu jkun tneħħa l-oġġett kulturali illegalment (magħruf bħala l-"Istat Membru rikjedenti") quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru li fih ikun jinsab l-oġġett kulturali (magħruf bħala "l-Istat Membru rikjest"). Ir-ritorn tal-oġġett kulturali jiġi ordnat mill-qorti kompetenti meta jiġi stabbilit li l-oġġett inkwistjoni jkun oġġett kulturali u li jkun

tneħħa illegalment[28]. Barra minn hekk, id-Direttiva tistabbilixxi l-limiti ta' żmien għat-tressiq ta' proċedimenti ta' ritorn u l-arranġamenti għall-kumpens tal-pussessur f'każijiet meta l-oġġett ikun ġie rrestawrat[29].

B'mod ġenerali, it-tweġibiet tal-Istati Membri indikaw li r-regoli għar-ritorn bi proċedimenti ġudizzjarji, kif previst mid-Direttiva, huma adegwati. Stat Membru wieħed biss argumenta li d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ma humiex biżżejjed.

Mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, żewġ proċedimenti ġudizzjarji biss inbdew mill-qrati nazzjonali għar-ritorn ta' oġġetti kulturali. L-ostakli ewlenin jistgħu jkunu marbuta mal-kumplessità u mal-kost għoli tal-proċedimenti tal-qorti[30], mal-ħtieġa ta' ħżin, il-kostijiet tat-trasport u tal-assigurazzjoni, u mal-oneru tal-prova tal-esportazzjoni illegali wara l-1 ta' Jannar 1993. F'każ partikolari, ġie indikat li l-proċedimenti ġudizzjarji skont id-Direttiva kienu impossibbli, peress li l-oġġett kulturali mneħħi illegalment kellu l-opportunità li jiġi esportat lejn pajjiż terz u għalhekk ma kienx għadu fit-territorju tal-UE fiż-żmien meta l-Istat Membru rikjedenti seta' jattiva l-mekkaniżmu ta' ritorn skont id-Direttiva.

Filwaqt li rrapportaw wara 5 snin ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-awtoritajiet nazzjonali talbu assistenza legali speċifika meta kellhom bżonn jibdew proċedimenti ġudizzjarji quddiem qrati ta' Stati Membri oħrajn kif ukoll għal spejjeż kondiviżi fuq l-arranġamenti ta' sigurtà u ta' trasport, u l-assigurazzjoni u t-trasport tal-oġġett kulturali.

F'dan il-kuntest, 4 Stati Membri ssuġġerew il-bini ta' network ta' assistenza legali reċiproka fost l-Istati Membri skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva u l-ħolqien ta' Prosekutur Ewropew biex jaġixxi fl-interess tal-Istat Membru rikjedenti.

4. KONKLUŻJONIJIET

Id-Direttiva tidher li għandha effett determinanti. L-Istati Membri nnotaw l-impatt pożittiv fuq iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-protezzjoni tal-oġġetti kulturali fl-UE u l-iżvilupp tal-kummerċ tal-arti.

Ġew identifikati l-aspetti li ġejjin fejn l-applikazzjoni tad-Direttiva tista' tittejjeb:

[28] F'dan ir-rigward, l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2018/1805 tal-PE u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1) jiċċara li l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkunx meħtieġ ibigħ jew jirritorna oġġetti speċifiċi koperti minn ordni ta' konfiska, meta dawk l-oġġetti jkunu jikkostitwixxu oġġetti kulturali, kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/60/UE.

[29] Il-limitu ta' żmien ta' 3 snin għall-bidu tal-proċedimenti ta' ritorn wara li l-Istat Membru rikjedenti jkun sar konxju tal-post tal-oġġett kulturali u tal-identità tal-pussessur jew tad-detentur tiegħu. Il-limitu ta' żmien ta' 75 sena għal proċedimenti ta' ritorn dwar oġġetti li jkunu jiffurmaw parti minn kollezzjonijiet pubbliċi u oġġetti li jkunu jappartjenu għall-inventarji ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi jew ta' istituzzjonijiet reliġjużi oħrajn fl-Istati Membri u soġġetti għal protezzjoni speċjali (l-Artikolu 8 tad-Direttiva).

[30] Il-proċedura tista' tkun partikolarment għalja, peress li l-kost tal-kumpens jiżdied mal-kost għoli tal-proċedimenti, eż. it-tariffi tal-avukati. Dan jista' jwassal għal limitazzjoni *de facto* tal-intenzjoni li tinbeda din il-proċedura għal oġġetti ta' interess finanzjarju kbir li għalihom l-Istati Membri jkunu lesti li jimpenjaw fondi sostanzjali.

- Arranġamenti tekniċi biex jiġi ffaċilitat u rrazzjonalizzat l-użu tal-IMI għall-fini tad-Direttiva.
- It-trawwim ta' assistenza legali reċiproka fost l-Istati Membri skont l-Artikolu 6 biex l-Istati Membri rikjedenti jingħataw l-għajnuna meta jibdew proċedimenti ġudizzjarji quddiem qrati ta' Stati Membri oħrajn.
- Il-promozzjoni ta' fehim u applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva billi jitrawmu l-iskambju tal-aħjar prattiki u interpretazzjoni komuni tad-diliġenza dovuta għan-negozjanti professjonali tal-arti u riċerka dwar il-provenjenza ta' oġġetti kulturali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tesplora modi biex ittejjeb l-effettività tagħha, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

5. ANNESS

SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TAS-SUQ INTERN (IMI) – ĊIFRI MIN-NOTIFIKI U L-ISKAMBJI TAL-ISTATI MEMBRI DWAR OĠĠETT KULTURALI (CO)

i. Notifika dwar oġġett kulturali mneħħi illegalment

Matul il-perjodu 2016-2020, kien hemm 310 notifiki ta' CO-F1, 304 jekk jiġu eskluži dawk li ġew irtirati[31].

CO-F1 - L-aħħar post qabel it-tneħħija illegali



Kien hemm numru bejn wieħed u ieħor identiku ta' każijiet fl-2016 u fl-2017 (madwar 60 sa 70), segwit minn żewġ perjodi ta' tnaqqis fl-2018 u fl-2020 (inqas minn 5) b'żieda fl-2019 (> sa 125)

[31] In-notifika dejjem kienet minn X sa X (l-istess pajjiż).



Il-maġġoranza tan-notifiki tal-IMI kienu jikkonċernaw il-kategoriji ta' oġġetti kulturali li ġejjin: "Stampi, pitturi, ikoni eżegwiti kompletament bl-idejn…" (178) u "Oġġetti arkeoloġiċi (minn skavar u sejbiet fuq l-art jew taħt l-ilma, siti arkeoloġiċi jew kollezzjonijiet arkeoloġiċi)" (55).

ii. Talba biex jitfittex oġġett kulturali mneħħi illegalment u l-identità tal-pussessur/tad-detentur

L-evoluzzjoni skont is-sena turi tnaqqis kostanti bejn l-2016 u l-2018, li jmur minn 14-il każ għal inqas minn 5 u żieda fl-2019 (20) u fl-2020 (19).



L-aktar kategoriji affettwati huma "Skulturi jew statwi oriġinali u kopji prodotti bl-istess proċess bħall-oriġinal" (25) u "Stampi, pitturi, ikoni eżegwiti kompletament bl-idejn" (21). L-għadd ta' notifiki għal oġġetti kulturali oħrajn huwa dejjem inqas minn 5.

iii. Notifika dwar is-sejba ta' oġġett kulturali mneħħi illegalment



L-għadd ta' notifiki naqas drastikament bejn l-2017 (19) u l-2019 (3) u żdied drastikament fl-2020 (15).



Iż-żewġ kategoriji li jispikkaw huma l-oġġetti arkeoloġiċi (prodotti minn skavar u sejbiet fuq l-art jew taħt l-ilma, siti arkeoloġiċi jew kollezzjonijiet arkeoloġiċi) (17) u l-Kollezzjoni jew oġġett uniku ta' interess storiku, paleontoloġiku, numiżmatiku, filateliku jew ta' interess ieħor (14).

iv. Notifika li jkunu nbdew il-proċedimenti ta' ritorn

Mill-2016, ġew irreġistrati 6 notifiki dwar proċedimenti ta' ritorn mibdija fl-IMI u notifika waħda ġiet irtirata (2 minnhom kienu jikkonċernaw l-oġġetti arkeoloġiċi, 1 kienet dwar il-ġbir tal-muniti, 1 dwar il-kotba u 1 dwar ix-xogħol tal-plastik/tal-iskultura).